**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru: 564/2006**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs.**

**Donald Micallef**

**Illum 30 t'April 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

> "**Donald Micallef**, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 207082M;
>
> Billi inti akkuzat talli:
>
> F'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar tnax il-xahar, qabel is-6 ta'Gunju 2006, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

approprijajt ruhek, billi dawwart bi profitt ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinata lilek taht titolu li gieb mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

Ghamilt qliegh ta' aktar min Lm2,127 ghad-dannu tal-kumpanija *Chef's Choice Limited (C14565)* ta' Chef Choice Building, Latmija Road, Haz-Zabbar, bi ksur tal-artikolu 293 tal-Kapitolu IX tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta.

Sirt ricediv ai' termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX, tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta'Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra."

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat l-Artikli li skont l-Avukat Ġenerali taħt liema tista' tinstab ħtija fl-imputat u ċioe':

(a) fl-artrikoli 17,18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 293, 2194, 310 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

[1] Verbal tas-6 ta' Lulju, 2020

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Semghat ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat u qieset il-priv u dokumenti kollha prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni fost ohrajn ressqet lil **Joseph Mizzi** fil-kapacita' tieghu ta' direttur tal-kumpanija Chef Choice fejn stqarr li Donald Micallef kien jahdem bhala *salesman* mal-kumpanija *Chef Choice* bejn it-12 ta' Settembru 2005 sat-13 ta' Frar 2006 u gie tterminat a bazi ta' *disciplinary reason*. Fix-xhieda tieghu s-sur Mizzi spjega li Donald Micallef kien idur il-hwienet tad-distrett tieghu jigbor l-ordnijiet kif ukoll kien jigbor hlasijiet ta' ordnijiet precedenti. Fid-distrett li kien jiehu hsieb Donald kien hemm l-Imsida u l-Gzira u kienu diversi klijenti li sahqu maghhom li hallsu izda li l-flus taghhom ma waslux ghand il-kumpanija. Is-sur Mizzi gie mistoqsi dwar kif indunaw li Donald mhux qieghed jghaddi l-flus li jigbor lill-kumpanija, fejn is-sur Mizzi wiegeb li kienu jaghmlu *reconciliation* mill-accounts u meta kienu jiccekkjaw mal-klijent, il-klijent kien jghid li hallas. Tenna jghid li dwar dan il-kaz kien ghamlu laqgha ma' rapprezentant tas-*Sofra Kebab House* fejn ghal din il-laqgha kien hemm prezenti Donald, is-Sur Mizzi u xi hadd iehor. F'din l-imsemmija laqgha Donald cahad li hu gabar il-flus izda r-rapprezentant qal li hallsu. Is-sur Mizzi tenna jghid li l-kumpanija *Chef Choice* sabet li l-ammont ta' flus migbura minn Donald li ma ghaddewx lilha kienu circa hamest elef Maltin. Huwa kompla li sussegwentament, kienu ghadd ta' klijenti tal-kumpanija li sahqu li huma kien ghamlu l-hlas lill-imputat, izda liema flejjes ma gewx mghoddija lill-istess kumpanija. Meta kkonfermaw dan, is-sur Mizzi qal li ddecidew jitterminaw l-impjieg u

ghamlu rapport l-ghassa ghand l-Ispettur Cassar. Kompla jghid li l-imputat kien accetta li jaghtihom il-flus lura pero' dawn il-flus qatt ma waslu ghandhom madanakollu zied jghid li ma huwiex cert jekk Donald ammettix li kien hadhom dawk il-flus.

**Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-JobsPlus ipprezenta l-*employment history* ta' Donald Micallef minn fejn irrizulta li r-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-imputat kienet dik ta' d*ismissed on disciplinary grounds*, liema raguni giet deciza minn min ihaddem.

Xehed **Wayne Mizzi** fil-kapacita' tieghu ta' *financial controller* mal-kumpanija *Chef Choice Limited* ta' Marsascala spjega li d-dokumenti kollha kienu prezentati lill-Pulizija kif ukoll lill-avukat tal-kumpanija Dr. Kris Borg u li hu personali ma ghandux *hard copies*.

**PL Quentin Tanti** in rapprezentanza tar-Registratur tal-kumpanija xehed li l-kumpanija *Chef Choice* twaqqfet fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija u tnejn u disghin (1992) u ghada ghaddejja fl-attivita' taghha.

Xehed **Dr. Kris Borg** fejn spjega li ghal habta ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) kien pprepara skrittura li l-imputat kellu jiffirma fejn l-istess imputat kien ser jobbliga ruhu li jhallas lura lill-kumpanija *Chef Choice* l-ammont ta' elfejn hames mija disgha u tletin liri maltin punt tnejn u disghin, liema skrittura qatt ma giet iffirmata. Ix-xhud spjega li sussegwentement kienet saret ittra ufficjali 166A kontra Donald Micallef da parti ta' *Chef Choice Limited*, izda ma jafx jekk l-ittra gietx prezentata u/jew notifikata. Zied jghid li f'Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) saret kwerela kontra l-istess Donald Micallef izda kien hemm problema ghax il-Pulizija ma setghux isibuh. Mistoqsi in kontro ezami dwar jekk jafx min kienu l-klijenti ta' *Chef Choice* li hallsu lil Donald Micallef u liema

flus ma ghaddewx lil *Chef Choice,* Dr. Borg wiegeb fin-negattiv filwaqt li kompla jghid li ma kellux informazzjoni dwar x'tip ta' prodotti kienu jammontaw ghal dawk il-flus.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok, jinghad illi l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu u ghalhekk jista' jaghzel li jistrieh fuq il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, u cioe' *beyond reasonable doubt,* kif filfatt huwa l-kaz odjern.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati huma veri tant li biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi mressqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-reat t'approprjazzjoni indebita huwa regolat bl-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali:

> *293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet*

*fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

Il-Qorti ta' l-appell kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni** deċiża fid-9 ta' Ġunju 1998 għaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana r-reat:

*Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.*

*Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei: "La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).*

*L-awtur Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano [vol IV - p.102, para 1949 u p. 105 - para 1951] jghid is-segwenti:*

*"Il reato di approprazione in debita e' perfetto colla conversione della cosa altrui in profitto a proprio o di un terzo, independentemente dall'effettivo ricavo della conversione."*

*Il-Carminiani fil-ktieb tieghu Elementi Iuris Criminali - (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:-*
*"il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e' contro la volonta del propretario stesso e' converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e' a proprio lucro e commodo."*

*Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-*
*"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e' da uso determinato."*

*Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija vs Joseph Mifsud deciza nhar it-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija vs Joseph Richmond et deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija vs Capt. Albert Mallia deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta'*

*April, 1949 u Il-Pulizija vs Emanuel Cassar deciza nhar lghoxrin ta' Ottubru, 1997).*

*B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghall-beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in buona fede.*

*Fil-fatt, Luigi Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347 jghid:*
*L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

*Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar id-dsatax ta' Frar, 1942 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antonio Pisani, gie deciz li r-reat ta' appropriazzjoni indebita jigi kkunsmat meta l-oggett fdata jigi aljenat mhux skond l-ghan li jinghata.*

L-istess fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Concetta Charles** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar 2013, ġie spjegat l-elementi fejn inghad:

*Dwar l-elementi in ġenerali*

*'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-*

*fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.'*

*Fil-każ* ***'Il-Pulizija vs George Bellizzi'****, il-Qorti qalet hekk:*

*'Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodici Kriminali Taljan.*

*Fil-ligi tagħna anki min jagħmel użu mill-oggetti fdati lilu diversi mill-uzu specifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oggett u dan l-uzu divers jaghmlu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, ikun hati ta' dan ir-reat.'*

*L-element intenzjonali b'mod speċifiku*

*Fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija vs Siegfried Borg Cole'****, kien deċiż hekk dwar l-element intenzjonali tal-misapproprijazzjoni indebita: 'F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' terzi. L-appellat la kellu x-xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement għax ittardja li jaghmel il-konteġġi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jagħmel profitt minn dik il-konversjoni.'*

*F'każ ieħor* ***'Il-Pulizija vs Raymond Falzon'****, l-istess Qorti qalet hekk dwar l-intenzjoni:*

*'Ghalkemm huwa veru li, ghall-fini tar-reat ta' approprijazzjoni bla jedd, certi awturi jikkunsidraw li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett tinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma (profitt li del resto ma hemmx ghalfejn ikun wiehed pekunjarju), tali intenzjoni, izda, trid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni; tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet timmanifesta ruħha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata.'*

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha u tinnota li minkejja li l-imputat stqarr li mhux hati, ix-xhieda tal-kwerelant senjatament tad-direttur tal-kumpanija *Chef Choice limited* ma gietx kontradetta b'ebda mod inkluz bil-kontro ezami specjalment meta l-istess xhud xehed li l-imputat kien accetta li jhallashom lura l-flus izda l-flus qatt ma waslu bil-konsegwenza li keccewh. Jirrizulta ghalhekk li lanqas ikkontesta dak li xehed il-kwerelant. Il-Qorti tinnota wkoll li kien anke intalab jaghmel skrittura privata permezz ta' liema l-imputat kien ser jintrabat li jhallas lura, liema skrittura madanakollu qatt ma giet iffirmata.

Di piu' il-Qorti tinnota li ma lanqas jirrizulta li r-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-imputat giet b'xi mod ikkontestata, kif wiehed ghandu dritt li jaghmel. L-iskrittura saret ghall-ammont ta' Lm 2,539.92c.

In kwantu ghall-ammont li approprija ruhu minnha, filwaqt li tirrileva li ma inghatatx cifra ezatta mid-direttur tal-kumpanija, il-Qorti qieghda tikkunsidra bhala finali c-cifra kwotata minn Dr. Kris Borg, l-Avukat tal-kumpanija fl-ammont ta' Lm 2,539.92c.

Ulterjorament, l-Qorti tirrileva li l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' jixhdu lill-istabilitmenti li sahqu li hallsu l-ammont dovut lill-kumpanija. Madanakollu din il-Qorti thoss li l-elementi tar-reat ta' appropriazzjoni indebita, gew pruvati.

Finalment u b'referenza ghall-akkuza ta' recediva, din il-Qorti ma tistax issib htija stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta kopja tas-sentenzi relattivi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Il-Piena Applikabbli**

Illi qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-piena, ghandu jinghad illi l-akkuzi addebitati lill-imputat imorru lura ghall-fatti li sehhew qabel is-sitta ta' Gunju 2006 u ghalhekk il-piena applikabbli hija dik mahsuba mil-ligi f'dak iz-zmien.

Illi l-Artiklu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie emendat bl-Att XXIV tas-sena 2014 illi jghid hekk: "*33.Fl-artikolu 308 tal-Kodiċi, minflok il-kliem "il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn" għandhom jidħlu l-kliem "il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin"*.

Illi ghalhekk il-piena applikabbli qabel dik l-emenda kienet ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn, mhux kif inhi illum.

Illi l-istess japplika ghall-Artiklu 309 li ukoll gie emendat bl-Att XXIV tas-sena 2014 illi jghid hekk: "*34.Fl-artikolu 309 tal-Kodiċi, minflok il-*

*kliem "il-piena tkunta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur" għandhom jidħlu l-kliem "il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn*".

Illi għalhekk il-piena applikabbli qabel dik l-emenda kienet ta' priġunerija minn seba' xahar sa sitt xhur, mhux kif inhi illum.

Illi l-istess japplika għall-Artiklu 310(1)(b) li ġei emendat darbtejn, l-ewwel bl-att 3 tas-sena 2002 u mbagħad ġie emendat bl-Att XXIV tas-sena 2014. Bl-emenda li saret fl-2002 l-artiklu 3012(1)(b) ġie jaqra hekk:

> *(b) meta l-ammont ta' ħsara magħmul mill-ħati huwa aktar minn mitt lira iżda mhux aktar minn elf lira, il-piena tkun ta' priġunerija minn ħames xhur sa tlett snin:*
>
> *Iżda jekk il-piena stabbilita għar-reat relevcanti fl-artikoli preċedenti ta' dan is-sub-titolu tkun ogħla mill-piena stabbilita f'dan il-paragrafu, għandha tapplika l-piena l-ewwel imsemmija miżjuda bi grad u fil-każ tar-reat taħt l-artikolu 294, il-piena hekk miżjuda ma tinghatax fil-minimu tagħha;"*

Il-Qorti hawn ma tistax ma tirrimarkax li stante illi ċ-ċifra ta' ħsara hija ta' Lm 2,539.92c u ċioe' aktar minn elf lira, allura l-Artiklu l-aktar idoneju għas-sejbien ta' ħtija huwa l-Artiklu 310(1)(a) u mhux l-Artiklu 310(1)(b) iżda stante li l-Avukat Ġenerali indika l-Artiklu 310(1)(b) biss, din il-Qorti tista' tapplika biss il-piena taħt l-artiklu 310(1)(b).

Illi fir-rigward tal-Artiklu 293 tal-Ligijiet ta' Malta ma saret l-ebda emenda sa mis-sena 2002 u ghalhekk il-piena applikabbli ghar-reat li sehh fl-2006 ghada l-istess.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti filwaqt illi ma ssibx htija fl-imputat fir-rigward tat-tielet akkuza u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 293, 294, 308 u 309 u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza u tikkundannah ghall-piena kumplessiva ta' prigunerija effettiva ta' tnax-il xahar.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur